# 98. Il-Għannej Bla Serħ

Jien kont għannej li jiġri
mat-triq mingħajr mistrieħ,
bil-karba u bit-tqanqila
kif jgħaddi f'Mejju r-riħ,

Maħmuġ u b'leħja twila,
imqatta u nibki spiss,
għax milli kelli kollu
kien fadal l-għanja biss.

U waqt illi kont miexi
waqaft quddiem palazz,
u bdejt għanjieti ngħanni
mixħut fuq it-turbazz;

U ħarġet ir-Reġina,
tellgħetni fuq it-tron,
u qaltli: "Inti ir-re tiegħi,
basta li tħobbni Anton!

"Kull m'għandi huwa tiegħek,
jien tiegħek il-qaddejja,"
U kif inkoronatni
inxteħtet għarkopptejha.

U talli kont daqshekk ħanina miegħi,
kif tridni ma nħobbokx, Reġina tiegħi?